MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 803/2013

**APS Bank Limited (C2192)**

**Vs**

**David Alexander Grima (337209L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' esponenti tesponi bir-rispett:

Illi l-intimat David Alexander Grima huwa debitur tas-Socjeta' attrici fis-somma ta' sebgha mija u erbgha u hamsin ewro u disgha u tletin ewro centezmi (€754.39c) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-kont kurrenti numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, tnejn, disgha, disgha, xejn, sebgha, tmienja (20001299078) [kopja annessa u mmarkata bhala Dokument A], oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju, 2013 sal-pagament effettiv;

Illi ghalkemm l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-Socjeta’ attrici, hawn baqa’ ‘nadempjenti;

Illi r-rapprezentanta tas-Socjeta’ attrici taf b’dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m’ghandux:

Jikkundanna lill-intimat ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha mija u erbgha u hamsin ewro u disgha u tletin ewro centezmi (€754.39c), kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) b’effett mill-1 ta’ Lulju, 2013 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz bl-imghax ulterjuri b’effett kontra l-intimat, li huwa mil-lim ingunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-intimat baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-22 t’ Ottubru, 2014 mill-Avukat Dr Kris Balzan u l-fatt li l-intimat naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-intimat naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' esponenti fl-ammont ta' sebgha mija u erbgha u hamsin ewro u disgha u tletin ewro centezmi (€754.39c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------